



NIĊĊELEBRAW IT-TRADIZZJONIJIET TAL-IKEL EWROPEJ

Min qatt mar Fiera tal-Agrikoltura, Fiera tal-Ikel jew Festival tal-Ikel? Għaliex saret il-Fiera u f'liema żmien tas-sena? Liema ikel tradizzjonali rajt? Liema prodotti u platti lokali ppruvajt u gawdejt?

1. Tista' ssemmi xi ikel lokali u tradizzjonali marbut mal-avvenimenti tal-ikel jew il-festivals tal-ikel?

IKEL	REĠJUN/LOKALITÀ	FIERA/FESTIVAL TAL-IKEL

2. Ħafna speċjalitajiet u platti tal-ikel jistgħu jiġu rintraċċati lura matul is-sekli. Tabilħaqq ir-riċetti u l-metodi ħafna drabi jiġu mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra.

Iddiskuti mal-klassi u oħloq lista ta' ikel tradizzjonali reġjonali u lokali assoċjat mal-kultura tiegħek u t-tradizzjonijiet kulinari tagħha.

3. Fejn jiġi prodott eżattament dan l-ikel fil-pajjiż jew reġjun tiegħek?

Hemm żoni marġinali f'pajjiżek (pereżempju artijiet mistagħdra, art muntanjuża u żoni suxxettibbli għan-nixfa) fejn l-agrikoltura hija diffiċli? Issuġġerixxi kif l-agrikoltura tista' tingħata appoġġ f'żoni bħal dawn.





4. Jekk taf bi kwalunkwe storja folkloristika marbuta mal-ispeċjalitajiet lokali tal-ikel, aqsamaha mal-klassi. Xi jgħidu l-ikel u l-platti tradizzjonali tagħna lill-oħrajn dwar il-kultura tagħna? Iddiskuti ħsibijietek.
5. Fittex fuq l-internet u rriċerka jekk hemmx fieri tal-ikel f'pajjiżek. Tista' ssib xi fiera, festival jew avveniment gastronomiku li sejjer isefh fix-xhur li ġejjin?
6. Kont taf li d-9 ta' Mejju huwa Jum l-Ewropa?

X'taħseb jekk din is-sena ssir Fiera tal-Ikel tal-Iskola biex tiċċelebraw Jum l-Ewropa? Ma hemmx mod aktar delizzjuż biex tesperjenza l-kultura, l-istorja u t-tradizzjonijiet Ewropej milli permezz tal-ikel!

- a) F'pari agħżlu fiera jew festival tal-ikel Ewropej u fittxu dwaru sabiex tkunu tistgħu tippreżentawh fil-fiera tal-ikel organizzata mill-iskola tiegħek fl-okkażjoni ta' Jum l-Ewropa. Esploraw l-orijini tal-festival u agħżlu platt jew speċjalità waħda tradizzjonali tal-avveniment biex issajruha fil-fiera tal-ikel tal-iskola.
- b) Issa fittxu platt lokali tradizzjonali bl-istess mod u, jekk possibbli, sajruh bħala l-platt Ewropej tagħkom għall-fiera tal-ikel tal-iskola tiegħek.
- c) Organizzaw u ddekoraw l-istand tal-ikel tagħkom biex turu l-platti tagħkom u offru xi kampjuni delizzjużi lil dawk li jżurukom.



Skopri iżjed dwar Jum l-Ewropa fuq
https://europa.eu/european-union/about-eu/symbols/europe-day_mt

